7 ta' Diċembru, 1956

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Harry Falzon pr. et ne. *versus* Carmelo Tanti

**Bejgħ ta' Motor Car — Skrittura — Boll — Nullità — Ratifika — Bwona Fede — Art. 57 u 60 Kap. 68 — Art. 4 tal-Att XVIII tal-1951.**

*Kull bejgħ ta' motor car għandu jsir bil-miktub; u ma jidherx li jista' jiġi ritenut li din l-iskrittura hija biss rikjesta għall-finijiet tal-boll, b'mod li l-assenza tal-iskrittura tista' timporta biss kontravvenzjoni għall-liġi fiskali bla ma ġġib nullità tan-negozju relattiv. Si tratta minn formalità mhux sempliċement "ad probationem", imma minn waħda "ad solemnitatem".*

*U allura huwa ċar li n-negozju ta' motor car li sar bla skrittura mhux annullabbli biss, imma null u ineżistenti "ipso jure"; u si tratta ta' nullità li ma hemmx bżonn għaliha ta' ebda dikjarazzjoni jew azzjoni "ad hoc'.*

*Għaldaqstant, min jittrasferixxi karrozza bla skrittura għandu dritt jirrivendikaha minn għand ix-xerrej; għax l-attur rivendikant jeħtieġlu jipprova li għandu l-proprjetà tal-karrozza, u din tirriżulta mill-fatt li, bl-ineżistenza tan-negozju, il-karrozza baqgħet tiegħu, u mill-fatt li ma jistax jingħad li l-karrozza tappartjeni lil min jippossjediha in bwona fede; għax hi massima li kull bniedem hu preżunt li jaf il-liġi, u kwindi li jmissu jaf li bla skrittura ma kien qiegħed jakkwista xejn, u li konsegwentement fil-pussess tiegħu hu in mala fede.*

*Lanqas jista' jingħad illi bil-fatt tal-eżekuzzjoni tal-konvenzjoni permezz tal-konsenja tal-karrozza ġiet sanata n-nullità tan-negozju; għaliex diversament kien ikun faċli għall-partijiet li jeludu dispożizzjoni fiskali ta' ordni publiku.*

*Konsegwentement, min jittrasferixxi karrozza tal-mutur bla skrittura jiġi li ma biegħ xejn, u l-karrozza baqgħet tiegħu, u huwa għandu d-dritt jirrivendikaha minn għand min xtraha.*

Il-Qorti; —

Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur proprio et nomine, wara li ppremetta illi l-konvenut qiegħed jippossjedi indebitament u mingħajr titolu l-motor car ("jeep") numru 42, li għandu l-"engine" numru 554361 u x-"chassis" numru 2488764, li huma ta' l-attur; u li l-konvenut ma jridx jirrestitwihomlu; talab illi l-istess konvenut jiġi kundannat jirrestitwilu u jikkonsenjalu l-istess motor car fuq imsemmija fiż-żmien li jiġi lilu prefiss. B'riżerva għad-danni u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' qbid u ta' sekwestru tat-12 ta' Jannar, 1956;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-19 ta' Gunju 1956, li biha rrespinġiet it-talba, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi, kif jirriżulta mid-dikjarazzjoni akkompanjanti l-att taċ-ċitazzjoni, l-attur jammetti li huwa biegħ il-karrozza lill-konvenut bil-prezz ta' £112, iżda jippretendi, billi, kif huwa stess stqarr, it-trasferiment sar mingħajr il-formalità ta' l-iskrittura skond l-art. 57 u 60 ta' l-Ordinanza Nru. VII ta' l-1918, kif emendata bl-Att Numru XVIII tal-1951, li dak it-trasferiment ma jiswiex bħala titolu ta' azzjoni, u kwindi jiġbed il-konsegwenza li l-konvenut ma għandux l-ebda titolu li jiġġustifikalu l-pussess tagħha; u għalhekk huwa obligat jagħtihielu lura;

Tikkunsidra;

Illi l-art. 4 (3) ta' l-Att Numru XVIII ta' l-1951, emendanti l-Ordinanza dwar it-Taxxa tal-Boll aktar l-isfel imsemmija, li daħal in vigore fit-30 ta' Diċembru, 1951, japplika d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-istess art. 4 għal kull dokument li bih "motor car", kif definita fl-Ordi-

nanza dwar ir-regolament tat-traffiku (Kap. 105 ta' l-Edizzjoni Riveduta), tiġi trasferita, sew jekk bil-liċenza relattiva jew mingħajrha, jew jekk dik il-liċenza biss tiġi fil-fatt trasferita jew imwellija. Is-subartikolu (1) jimponi taxxa ta' boll fuq kull att (magħdud ukoll kuntratt ta' bejgħ ta' bastiment, u kull att notarili, jew kull sentenza, digriet jew ordni ta' Qorti jew awtorità oħra leġittima), li bihom ħaġa immobili jew bastiment, jew sehem f'bastiment, jiġu trasferiti jew assenjati b'bejgħ, b'qasma, b'donazzjoni, b'dota, jew titolu ieħor. L-art. 5 ta' l-istess Att japplika għan-negozji kontemplati fl-imsemmi art. 4 (3) — trasferiment jew twellija ta' motor car bil-liċenza jew mingħajrha, jew trasferiment jew twellija ta' liċenza biss — id-dispożizzjoni ta' l-art. 60 ta' l-Ordinanza dwar it-Taxxa tal-Boll (Kap. 68). Skond dana l-artikolu, kull bejgħ jew kuntratt ieħor, jew negozjazzjoni, magħmula skond l-attijiet tal-kummerċ jew tal-Borża, ta' valuri, azzjonijiet jew ċertifikati msemmijin fl-artikolu ta' qabel, għall-portatur, meta eżegwiti f'Malta, għandu jsir bil-miktub (1), u fin-nuqqas ta' din il-formalità dan il-bejgħ, kuntratt jew negozjazzjoni, ma jkunx jiswa bħala titolu ta' azzjoni f'kawża, u lanqas jista' jinġieb bħala prova f'ebda proċedura, jekk ma jkunx imbullat kif imiss skond il-liġi (2);

Illi għalhekk, jekk il-bejgħ tal-motor car ma jsirx bil-miktub ("in writing"), dak il-bejgħ ma jkunx jiswa bħala titolu ta' azzjoni f'kawża; u jekk isir bil-miktub, dak id-dokument, dik il-kitba, ma jkunx jista' jinġieb bħala prova jekk ma jiġix imbullat. Dana huwa dak li trid il-liġi f'każ ta' bejgħ ta' karrozza kif huwa l-każ preżenti; u dana ma jimpurtax, kif evidentement jirritjeni l-attur, li l-venditur ta' karrozza awtomobbli li l-vendita tagħha tkun saret mingħajr skrittura, u li l-venditur ikun ikkonsenja lill-kumpratur, ikollu d-dritt jeħodha lura; għaliex il-liġi tippriva biss lil dak li jkun milli jkun jista' jinvoka dak il-bejgħ bħala titolu ta' azzjoni f'kawża; u dan apparti l-fatt illi l-istess attur venditur qiegħed jibbaża l-azzjoni tiegħu fuq id-dritt li jippretendi li għandu appuntu għaliex il-bejgħ sar mingħajr skrittura, u kwindi t-titolu ta' l-azzjoni tiegħu hu dak

il-bejgħ mingħajr skrittura; u dan, appuntu għaliex mingħajr skrittura, ma jiswielux bħala titolu;

Rat fil-tol. 13 il-petizzjoni ta' l-attur proprio et nomine, li biha dan talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li tiġi milqugħa t-talba tiegħu; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Ma hux kontrastat bejn il-kollitiganti li l-attur biegħ lill-konvenut motor car tat-tip konoxxut bħala "jeep", iżda bla skrittura (ara l-attijiet tal-kawża li għaliha saret riferenza fil-verbal tat-23 ta' Novembru, 1956). L-attur qed jassumi, għall-finijiet ta' l-istanza tiegħu, li dak il-bejgħ kien ineżistenti taħt il-Liġi tal-Boll; għalhekk il-"jeep" baqgħet ta' proprjetà tiegħu, u konsegwentement hu jsostni li jista' jirreklama r-restituzzjoni tagħha minn għand il-konvenut;

Hu fatt li skond l-art. 57 tal-Kap. 68 (kif emendat bl-art. 4 ta' l-Att XVIII ta' l-1951), kombinat ma' l-art. 60, in kwantu dan l-artikolu ġie estiż għall-bejgħ ta' motor cars bl-istess art. 4 tal-liġi emendanti fuq imsemmija, kull bejgħ ta' motor car għandu jsir bil-miktub. Ma jidhirx li f'dan il-każ, għad-differenza ta' każijiet oħra, jista' jiġi ritenut li din l-skrittura hi biss rikjesta għall-finijiet tal-boll, b'mod li l-assenza ta' skrittura tista' timporta biss kontravvenzjoni għal dik il-liġi fiskali bla ma ġġib nullità tan-negozju relattiv. Infatti l-liġi — art. 60 — tgħid mhux biss li meta jkun hemm skrittura, din ma tistax tinġieb bħala prova qabel ma tkun bollata, imma tgħid:— "In default of such formality, such conveyance, contract or negotiation, shall not be valid as entitling to a right of action". Fit-test tal-jan ta' qabel kien hemm il-kliem:— " ...... non potranno farsi valere come titoli di azione in giudizio......";

Dan juri li hawn si tratta mhux ta' formalità semplicement "ad probationem", imma ta' waħda ntiża "ad substantiam", ġa ladarba fuq konvenzjoni simili verbali wieħed ma jistax jibbaża azzjoni ġudizzjarja;

Normalment, meta d-dokument ikun ġie redatt, iżda ma jkunx ġie bollat, allura l-ineffikaċja tiegħu mhijiex

radikali u perpetwa, imma tibqa' biss sakemm ikun regolarizzat, salv il-boll u l-penali. Dan kien deċiż minn din il-Qorti kemm-il darba;

Imma f'dan il-każ, il-liġi fiskali marret aktar 'il quddiem; u wara li eżiġiet għal trasferiment ta' motor car l-iskrittura, għaddiet biex tgħid li *l-konvenzjoni bla skrittura* ma tistax tiswa biex issostni azzjoni;

Hu ugwalment ċar li f'każ simili non si tratta ta' annullabbilità, imma ta' nullità jew ineżistenza "ipso jure", li ma hemmx bżonn għaliha ebda dikjarazzjoni jew azzjoni "ad hoc" (App. "Agius vs. Ciancio", 3 ta' Frar, 1936, XXIX-I-452);

L-azzjoni preżenti hija ta' rivendika;

Bħala rivendikant, l-attur jeħtieġ li jipprova l-proprjetà tal-"jeep"; u din tirriżulta mill-fatt li, bl-ineżistenza tan-negozju, din il-"jeep" baqgħet tiegħu;

Iżda, peress li f'każ ta' mobili, "il possesso vale titolo" kwantu għall-possessur in bwona fede, għalhekk hemm bżonn li din il-Qorti tinvesti l-punt jekk il-konvenut hux qiegħed jippossjedi l-"jeep" in bwona fede (art. 595 Kap. 23);

"Prima facie" jista' jidher li, peress li fil-fatt kien hemm, "ex concessis", konvenzjoni verbali ta' bejgħ, għalhekk il-pussess tal-konvenut hu almenu kolorat b'mod li jinduċi l-bwona fede. Iżda ma hux hekk; għaliex hi massima ta' dritt li kull bniedem hu preżunt li jaf il-liġi, u kwindi l-konvenut kien imissu jaf li bla skrittura ma kien qiegħed jakkwista xejn, u konsegwentement fil-pussess tiegħu kien in mala fede;

Din hi l-ġurisprudenza taljana in materja. Sentenza mogħtija mill-Cassazione di Torino, 7 ta' Ġunju, 1867, Varandi dei Duca di Camerino c. Boretti, qalet hekk: — "Il contratto nullo per difetto di forma non costituisce neppure un titolo apparente o colorato idoneo ad indurre la buona fede...... L'acquirente deve quindi restituire indilatamente al venditore che lo richiegga l'immobile......" (Fadda, Gpza. Cod. Civ., art. 1314, para. 90-91). U sentenza oħra riportata ibidem, para. 93, qalet: — "La buona

fede agli effetti degli articoli 701 e 703 è soltanto quella proveniente dal possesso in base a titolo costituito secondo l'art. 1314; chi non ha titolo simile, non dovendo ignorare la legge, conosce di avere un possesso sfornito della qualità giuridica di buona fede";

L-artikoli 701 u 703 fuq ċitati huma appuntu l-artikoli dwar il-"possesso in buona fede";

Punt ieħor hu jekk bil-fatt ta' l-eżekuzzjoni tal-konvenzjoni permezz tal-konsenja tal-"jeep" ġietx sanata n-nullità. Ir-risposta għal dan il-punt ma tistax ħlief tkun negattiva; għaliex diversament kien ikun faċili għall-partijiet li jeludu dispożizzjoni fiskali ta' ordni publiku;

Il-ġurisprudenza taljana hi wkoll f'dan is-sens. Ibidem, para. 97: — "La nullità di un contratto per mancanza dell'atto scritto nei casi in cui questo è richiesto...... non si sana colla esecuzione volontaria......" Para. 98: — "La giuridica esistenza di un atto compreso tra quelli designati dall'articolo 1314 e non risultante da scritto non potrebbe desumersi dalla esecuzione data al contratto";

Konsegwentement, l-azzjoni hi fondata;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi takkolji l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa' t-talba ta' l-attur; u għall-finijiet ta' l-istess talba tipprefiġġi lill-konvenut żmien tmien tijiem mil-lum;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi, peress li ż-żewġ partijiet ikkonkorrew għan-nuqqas ta' l-iskrittura, jibqgħu bla taxxa; dritt tar-Reġistru għak-kariku tal-konvenut.